Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VERONICA GALEA DEBONO

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2008

Talba Numru. 590/2008

Ivan Azzopardi (Id. 362059) bhala amministratur u in rapprezentanza
tal-assocjazzjoni tal-condomini 'Rose Park Flats Owners' Association.'

Vs

Russel Edward Shaw (Id. 31999A).

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu peress illi l-konvenut huwa sid ta' l-appartament numru 8 'Rose Park', Ross Street, St. Julians; u peress illi huwa akkwista l-appartament surreferit hekk kif suggett ghall-kondizzjonijiet inmizzla fil-kuntratt ta' akkwist ippublikat fl-atti tan-Nutar Isabelle Gonzi datat 14 ta' Gunju 2006; u peress illi in partikolari, l-konvenut obbliga ruhu li jissieheb fl-Assocjazzjoni tal-Condomini tal-Blokk 'Rose Park', 'Rose Park Flats Owners' Association' li tiehu hsieb it-tindif, manutenzjoni u tiswija tal-partijiet u s-servizzi


Qrati tal-Gustizzja

komuni tal-blokk, inkluzi l-lifts, u l-konvenut obbliga ruhu li jikkontribwixxi s-sehem tieghu ghall-ispejjes surreferiti; u peress illi nonostante dan, il-konvenut naqas li jikkontribwixxi is-sehem tieghu ghall-ispejjes surreferiti u rrenda ruhu debitur ta’ l-Assocjazzjoni fl-ammont ta’ mija, sitta u tmenin Ewro u hamsa u tletin centezmu (€186.35) ghas-sena 2007; u peress illi l-konvenut naqas ukoll milli jhallas lill-Assocjazzjoni l-kontribuzzjoni dovuta ghas-sena 2008 li tammonta ghal hames mija, tlieta u disghin Ewro u disgha u disghin centezmu (€593.99); u peress illi minkejja diversi interpellazzjonijiet sabiex ihallas l-ammonti dovuta minnu, l-konvenut baqa inadempjenti, ghaldaqstant talab l-attur illi l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma komplessiva ta’ seba mija u tmenin Ewro u erbgha u tletin centezmu (€780.34), bl-ispejjes, u bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv.

Ra illi mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mill-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra n-nota ta’ l-attur fejn huwa ceda l-atti fir-rigward tas-sorte, stante pagament, u zamm ferm il-kap ta’ l-ispejjes.

Ghaldaqstant in vista tan-nota tal-attur, it-Tribunal jilqa’ t-talba attrici limitata ghall-hlas tal-ispejjes ta’ din il-kawza, u jikkundanna l-konvenut sabiex ihallas l-ispejjes kollha tal-kawza kif mitluba fl-Avviz.

**Av. Veronica Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------